



BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' l-4 ta' Mejju, 2005

fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3605/93 dwar il-kwalita` tad-data statistika fil-kuntest tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv (COM(2005) 71 finali)

(CON/2005/11)

1. Fil-15 t'April 2005, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3605/93 dwar il-kwalita` tad-data statistika fil-kuntest tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost').
2. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-ewwel subinċiż ta' l-Artiklu 105(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artiklu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.
3. Ir-regolament propost jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 tat-22 ta' Novembru, 1993, dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv meħmuż mat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea¹. L-għan tar-regolament propost huwa li jtejjeb il-kwalita` tal-kontijiet tal-gvern li għandhom jintużaw għall-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv (PDE), b'mod partikolari d-data dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern (minn issa 'l quddiem 'id-data tal-PDE'). Ir-regolament propost jobbliga lill-iStati Membri biex jipprovdu inventarji dettaljati tal-metodi, il-proċeduri u s-sorsi wżati għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet tagħhom tal-gvern, u biex kemm jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull reviżjoni sinifikanti tad-data attwali u ppjanata dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern li tkun diġa` għet irrappurtata, kif ukoll biex jiddokumentaw kull reviżjoni sinifikanti tad-data attwali dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern li tkun diġa` għet irrappurtata. Ir-regolament propost jipprovdi wkoll li l-evalwazzjoni tal-kwalita` tad-data tal-PDE, inklużi l-kontijiet bażi tal-gvern, għandhom ikunu r-responsabbilta` tal-Kummissjoni (Eurostat), li minbarra ż-żjarat tagħha ta' djalogu, twettaq żjarat ta' osservazzjoni fil-fond fl-iStati Membri sabiex tosserva l-kontijiet tal-gvern irrappurtati u l-proċessi tal-kumpilazzjoni tad-data bażi. Ir-regolament propost jeħtieġ lill-iStati Membri biex jikkooperaw ma' l-uffiċjali fuq żjara, biex jippubblikaw il-kontijiet tal-gvern irrappurtati għal snin mgħoddija u biex jiċċertifikaw li dawn il-kontijiet jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti mill-

¹ ĠU L 332, 31.12.1993, pġ. 7. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2002 (ĠU L 55, 26.2.2002, pġ. 23).

Artiklu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar, 1997, dwar l-iStatistika tal-Komunita`², u biex jitolbu spjegazzjoni mill-Kummissjoni (Eurostat) dwar it-trattament korrett tal-kontabilita` ta' tranżazzjonijiet tal-gvern f'każ ta' dubju. Ir-regolament propost jagħraf ukoll id-dritt tal-Kummissjoni (Eurostat) biex tesprimi riżervi dwar il-kwalita` tal-kontijiet tal-gvern irrappurtati u biex temenda dik id-data.

A. Rimarki ġenerali

4. Il-BĊE jilqa' l-għan ewlieni tar-regolament propost, li huwa maħsub biex isaħħaħ il-qafas legali għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet tal-gvern li jsejsu l-PDE u biex jipprovdi bażi legali għall-Kodiċi ta' l-aħjar Prattika dwar il-kumpilazzjoni u r-rappurtar ta' data fil-kuntest tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv, adottata mill-Kunsill tal-Ministri (ECOFIN) tat-18 ta' Frar, 2003.

B. Rimarki speċifiċi

5. Il-BĊE jinnota li l-emendi proposti ma jibdlux l-iskadenzi preżenti ta' rappurtar tar-rebbiegħa u tal-ħarifa għall-kontijiet tal-gvern. Il-BĊE jinkoraġġixxi d-differiment ta' l-iskadenzi ta' rappurtar b'xahar, għall-31 ta' Marzu u t-30 ta' Settembru rispettivament, billi dan jista' jtejjeb il-kwalita` totali tal-kontijiet tal-gvern, b'mod partikolari d-data dwar id-defiċit tal-gvern. Dan id-differiment iżid id-disponibbiltà tad-data sors fir-rebbiegħa u jallinja d-data tal-PDE mas-sett sħiħ tal-kontijiet tal-gvern tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) 95³, b'hekk il-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' twettaq verifiki dettaljati ta' kwalita`. Barra minn dan, l-awtoritajiet ta' statistika jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jikkumpilaw data ta' l-estimi, billi jkollhom aktar żmien biex ilestu t-tranżizzjoni mill-kontijiet pubbliċi pprovduti minn diversi korpi tal-gvern għad-data ta' l-ESA 95 meħtieġa għal skopijiet tal-PDE.
6. Il-BĊE jinkoraġġixxi wkoll li jiġi speċifikat f'regolament rilevanti, b'referenza għas-ESA 95, biex l-iStati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) sett komplut tal-kontijiet attwali tal-gvern, u li jinkludi klassifikazzjonijiet biżżejjed. Ikun ukoll ta' siwi jekk l-iStati Membri jintalbu biex jipprovdu kull rikonċiljazzjoni meħtieġa bejn id-data tal-PDE u tas-ESA 95.

² ĠU L 52, 22.2.1997, pġ. 1.

³ Misjub fl-Anness A mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju, 1996, dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunita`, ĠU L 310, 30.11.1996, pġ. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, 18.7.2003, pġ. 1).

7. Il-BĊE jinkoraġġixxi wkoll li l-Kummissjoni (Eurostat) tippubblika settijiet sħaħ ta' kontijiet tal-gvern skond l-iStati Membri u rapporti ta' kwalita` formali relatati.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-4 ta' Mejju, 2005.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET